MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tat-22 ta' Jannar, 2015

Talba Numru. 551/2014

**GasanMamo Insurance Limited (C 3143) u Thomas Smith Insurance Agency Limited (C5637) hekk kif issurrogati fid-drittijiet ta' l-assikurat taghhom Toni Abela (ID 232284M) u Paul & Rocco (Gzira) Limited (C2661) sija bil-polza u sija bil-ligi, kif ukoll l-istess Toni Abela u Paul & Rocco (Gzira) Limited.**

**Vs**

**Kunsill Lokali Zejtun**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-12 ta' Marzu, 2014 fejn is-socjeta' attrici talbet ir-rikorrenti jitolbu lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lill-Kunsill intimat sabiex ihallasd lir-rikorrenti s-somma ta' elfejn, tliet mija u Euro u wiehed u disa' u sebghin Eurocentezmi (€2,301.79) rapprezentanti danni sofferti mir-rikorrenti in segwitu ta' incident awtomobilistiku illi sehh fit-30 ta' Jannar, 2013 fi Triq il-Kantur kantuniera ma' Triq Santa Monika fiz-Zejtun bejn il-vettura bin-numru ta'

registrazzjoni FBN 916 misjuqa minn u propjeta ta' Toni Abela, u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni FDK 537 misjuqa minn Sharon Micallef, u propjeta ta' Paul & Rocco (Gzira) Limited; u liema incident sehh minhabba nuqqas ta' sinjali tat-triq da parti tal-Kunsill initmat, illi naqas illi jindika lis-sewwieqa illi vetturi ma setghux jiksru lejn il-lemin minn triq San Guzepp ghal Triq Santa Monika, u ghalhekk b'negligenza, imperizja u traskuragni da parti tal-Kunsill intimat inholoq l-incident in kwistjoni bejn iz-zewg vetturi msemmija;

Iz-zewg vetturi kienu assikurati taht poloz assikurattivi 'comprehensive' mahruga mis-socjeta' GasanMamo Insurance Limited, u fil-kaz tal-vettura bin-numru tar-registrazzjoni FDK 537, il-polza inharget tramite s-socjeta' Thomas Smith Agency Limited, illi hija agenta tas-socjeta' rikorrenti GasanMamo Insurance Limited;

Is-somma mitluba tinkludi l-ammont ta' tliet mija u hamsin Euro (€350) mhallsa bhala Excess mill-assikurata Paul & Rocco (Gzira) Limited; u l-ammont ta' hamsa u hamsin Euro (€55.00) mhallsa bhala Excess mill-assikurat Toni Abela. Is-socjetajiet rikorrenti ghaldaqstant hallsu ghad-danni rimanenti sofferti mill-assikurati taghhom;

Interpellat sabiex ihallas permezz ta' zewg ittri ufficjali datati 19 ta' Settembru, 2013 u 7 ta' Frar, 2014, il-Kunsill intitmat baqa' inadempjanti u ghalhekk kellhom jigu stitwiti dawn il-proceduri.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tad-19 ta' Settembru 2013 u tas-7 ta' Frar, 2014, u bl-imghaxijiet mid-dati ta' dawk l-istess ittri ufficjali kontra l-Kunsill intimat illi huwa minnissa stess ingunt ghas-subizzjoni.

Illi deher s-Segretarju ezekuttiv tal-Kunsill konvenut wara li gew notifikati skont il-ligi.

Illi s-socjeta' attrici resqet il-provi taghha billi xehdu l-partijiet fil-habta li spjegaw illi ma kienx hemm senjalazzjoni biex turi liema mit-toroq huma one way. Filfatt din is-senjalattita saret mill-Kunsill wara l-incident.

It-Tribunal fin-nuqqas ta' provi da parti tal-Kunsill Lokali Zejtun u dan peress illi wara li nghata cans iressaq il-provi naqas milli jaghmel dan, jghaddi biex jiddecidi l-kaz fuq dak li tressaq quddiemu.

Wara li semgha x-xhieda t-Tribunal huwa konvint mill-veracita tax-xhieda kif ukoll wara li ra r-ritratti tal-post fejn sehh l-incident, huwa konvint illi s-socjeta' attrici rnexxilha tipprova l-kaz taghha.

Ghal din ir-raguni t-Tribunal jilqa' it-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut biex ihallas is-somma attrici ta' elfejn, tliet mija u Euro u wiehed u disa' u sebghin Eurocentezmi (€2,301.79).

Bl-imghax legali mid-data tal-ittra ufficjali tad-19 ta' Settembru, 2013.

Bl-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-Kunsill lokali Zejtun konvenut fil-kawza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------